MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2315/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Inurance plc u b'nota tat-13 ta' Lulju 2004 Elmo Insurance Limited assumiet l-atti minflok Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta'estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Joseph Mizzi**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici noe s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) dovuta minnu bhala "policy excess" skond kuntratt ta' assikurazzjoni li l-konvenut kellu mas-socjeta' attrici noe fir-rigward ta'

vettura Nru CBD 563 propjeta tal-konvenut wara li mas-socjeta' attrici noe kienet registrata "Claim" bin numru 01B104 (2), bhala konsegwenza ta' incident stradali li gara l-Marsa fis-6 ta' Frar 2001 li fih kienet involuta l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2003 u bl-imghax legali b'effett mill-20 ta' Frar 2003 sad-data tal-effettiv pagament..

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00), bl-imghax pagabbli mill-20 ta' Frar 2003 sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Frar 2003 ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------